# GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN, 12 TA' MARZU, 2001

*Avviz. Nru 1815/00 AJD*

Skan Service Station Limited

vs

Vincent Farrugia u b'digriet tas-27 ta' Novembru, 2000, kunjom il-konvenut ghandu jigi korrett minn Farrugia ghal Francica

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Ottubru, 2000, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u disgha u disghin liri Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm199.62), rapprezentanti prezz ta' servizzi rezi lill-konvenut u merci kkonsenjati lill-istess konvenut mis-socjeta' attrici.
Bl-ispejjes, u bl-imghax kontra l-konvenut.

Ra d-digriet tas-27 ta' Novembru, 2000, fejn kunjom il-konvenut gie korrett minn Farrugia ghal Francica u fejn giet ordnata n-notifika mill-gdid tal-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Anna Cutajar in rappresentanza tas-socjeta' attrici li kkonfermat li l-ammont ghadu dovut lis-socjeta' attrici. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara

li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u disgha u disghin liri Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm199.62) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill- konvenut skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR